**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Brian Xuereb)**

**vs**

**Yuri Contu**

**Illum, 22 ta' Gunju 2022**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

> "**Yuri Contu,** detentur tal-Karta tal-Identita' Taljana bin-numru AY3408852;
>
> U nakkuzah talli f'San Giljan, gewwa l-istabbiliment tal-Footloose, nhar is-16 ta' Gunju 2022 ghall-habta tat-tlieta u kwart ta' filghodu (03:15hrs) ikkommetta serq ta' gojjelerija ekwivalenti b'valur ta' madwar €800 u dan ghad-detriment ta' Valeria De Lucia, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur liema valur ma jaccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u ghoxrin Centezmu (€2329.27) u bil-hin;
>
> Il-Qorti hija wkoll mitluba li f'kaz ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom

> x'jaqsmu mall-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta."

Rat illi fis-seduta tal-lum l-imputat irregistra ammissjoni.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu.

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti Yuri Contu l-imputat reġa' afferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tatu żmien jirrikonsidra l-posizzjoni tiegħu;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor**

Illi l-imputat huwa akkuzat b'serq ta' gojjellerija ghad-detriment ta' Valeria de Lucia, kkwalifikat bil-valur u bil-hin, gewwa l-istabbiliment Footloose, San Giljan.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ghalkemm fl-ewwel seduta ddikjara li mhux hati, fis-seduta tal-lum irregistra ammissjoni.

Illi stante ammissjoni tal-imputat **Yuri Contu** l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi dwar il-piena li ghandha tigi mposta, din il-Qorti rat il-fedina penali netta tal-imputat, il-kollaborazzjoni tieghu mal-Pulizija, in-natura u gravita' tar-reat lilu addebitat, kif ukoll illi l-imputat lest li jikkumpensa lill-vittma billi jhallasha s-somma ta' tmien mitt Ewro (€800) valur tal-imsemmija gojjellerija.

**Decide:**

Illi wara li rat l-atti kollha tal-kaz, il-Qorti fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati; u wara li rat l-Artikli 261(c)(f), u 280(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda tikkundanna lill-imputat ghal sitt xhur habs li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal sena u Tordna u Tikkundanna lill-imputat sabiex, ai termini tal-Artikli 15A u 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fi zmien jumejn mil-lum huwa jhallas lill-vittma Valeria De Lucia s-somma ta' tmien mitt Ewro (€800).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-imputat jiddikjara li fehem l-istess.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur